**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A. LL.D.**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2001.**

**Citazz. Nru: 2988/96 CFS**

**Anthony Spiteri u martu Josephine**

**vs**

**Carmel Curmi u martu Maria Dolores**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' Anthony Spiteri u martu Josephine li ppremettew:

Illi l-konvenuti bnew saqaf tal-konkos fil-bitha tal-garage taghhom 40, Triq Guze' Pace, Santa Venera minflok wiehed tal-pjanci li kien hemm f'livell aktar baxx, b'dan illi huma naqqsu it-tgawdija ta' servitu attiva tal-fond 72, Triq il-Lunzjata Santa

Venera proprjeta' ta' l-atturi, liema saqaf ma jhallix ghaxar piedi mill-istess tieqa.

Illi inoltre l-konvenuti ghamlu komunikazzjoni ta' drenagg fl-istess garage 40, Triq Guze Pace, Santa Venera mal-fond 72 Triq il-Lunzjata, Santa Venera proprjeta' ta' l-atturi, b'dan illi giet ikkreata servitu' gravanti fuq il-fond ta' l-atturi.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex inehhu dan l-istat ta' fatt baqghu inadempjenti.

Talbu li l-Qorti tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, ghar-ragunijiet premessi:

1. iwaqqghu fi zmien qasir u perentorju, s-saqaf tal-konkos li huma bnew fil-bitha tal-garage, proprjeta' taghhom, 40, Triq Guze' Pace Santa Venera u dana taht direzzjoni ta' periti nominandi, stante illi giet disturbata it-tgawdija ta' servitu' tal-fond 72, Triq il-Lunzjata Santa Venera proprjeta' ta' l-atturi.

2. li jnehhu kwalunkwe komunikazzjoni ta' drenagg illi saret bejn il-garage 40, Triq Guze' Pace, Santa Venera, proprjeta' tal-konvenuti u il-fond 72, Triq il-Lunzjata Santa Venera proprjeta' ta' l-atturi u dan taht id-direzzjoni ta' periti nominandi , stante illi giet kreata servitu' li tiggrava il-fond imsemmi proprjeta' ta' l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju 1996, bl-ingunzjoni ta' l-istess ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi din l-Qorti qiset in-notifiki a fol 5 u 6 tal-process regolari, u l-konvenuti appellaw mid-digriet. Illi l-Qorti tal-Appell ikkonfermat li n-notifika kienet valida, u ghalhekk cahdet l-appell.

Rat in-nomina tal-Perit Arkitett Frederick Doublet, r-rapport Peritali, u li l-istess Perit halef ir-rapport. Rat in-nota tal-osservazzjonijiet.

Il-Perit Doublet zamm is-seduti u accessi, u wara li ezamina c-cirkostanzi u dokumenti kollha ikkonkluda skond kif hemm fil-paragrafi 10 sa 12 tar-rapport tieghu. Ghalhekk ikkonkluda li l-konvenuti ghamlu xogholijiet li jnaqqsu mit-tgawdija ta’ prospett tal-atturi, naqqsulhom id-dawl li kienu jgawdu qabel, u huma responsabbli ghall-umidita’ li ghandhom fil-hajt indikat fil-garaxx numru 72, Triq Annunzjata, St Venera u ghandhom:

1. Jnehhu s-saqaf tal konkos ta’ wara l-garaxx tal-konvenut, u jekk isir, ghandu jkun mhux aktar gholi minn fejn kien il-wicc ta’ fuq tas-saqaf tal-perspex; dan ghandu jkun ghal qlib u jati ghall-katusa provduta ghad-disposizzjoni tal-ilma tax-xita li taqa fuqu;

2. Jiskonnetjaw minn mas-sistema ta’ drenagg komuni fejn huma l-komunikazzjonijiet kollha mill-fond numru 40;

3. Jaghmlu l-waste pipe li hemm dirett ghall-katusa mill-ewwel sular tan-numru 74 jati ghall-gulley u dan ikun imqieghed l-isfel mit-tieqa z-zghira tal-atturi, sabiex ma jaggravax it-telf tad-dawl;

4. Il-konvenuti ghandhom jhallsu lill-atturi l-appogg talli uzaw u poggew mal-hajt tal-atturi taht it-twieqi minhabba l-bini tat-toilet li kkostruwew;

5. Jaghmlu ridekorazzjoni tal-hajt tal-garaxx tal-atturi.

Din il-Qorti taghmel taghha dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi torda lill-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3, u 5 hawn fuq imsemmija fi zmien xahrejn mil-lum taht is-sorveljanza tal-perit Frederick Doublet, u jaghmlu l-hlas imsemmi fil-paragrafu 4.

Spejjez kontra l-konvenuti.